

Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0105(COD)

8624/23
ADD 3

FOOD 30
DENLEG 22
CODEC 670
AGRILEG 74
SAN 203

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' April 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2023) 98 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Reviżjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli biex jiġu żgurati l-adozzjoni u l-provvista ta' prodotti sostenibbli Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 98 final.

Mehmuż: SWD(2023) 98 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2023
SWD(2023) 98 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

**Reviżjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli biex
jiġu żgurati l-adozzjoni u l-provvista ta' prodotti sostenibbli**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li ttrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li
tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman,
2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati**

{COM(2023) 201 final} - {SEC(2023) 162 final} - {SWD(2023) 97 final}

L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni agrikola huma dispożizzjonijiet eżistenti tal-liġi statutorja tal-UE. Jiffurmaw parti mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) u huma stabbiliti fir-Regolament tal-PE u tal-Kunsill dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS), fir-regolamenti sekondarji tal-Kummissjoni kif ukoll fl-hekk imsejħa Direttivi dwar il-Kolazzjon. Dawn jirrikjedu li ċerti prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel jirrispettaw rekwiżiti speċifiċi biex jitħallew jitqiegħdu fis-suq b'mod legali. Dawn ir-rekwiżiti spiss ikunu relatati mal-karatteristiċi tal-prodott iżda jistgħu jikkonċernaw ukoll l-oriġini, il-metodi ta' produzzjoni, is-sustanzi użati fil-produzzjoni jew il-modalitajiet ta' akkumpanjament bħall-preżentazzjoni u l-imballaġġ tal-prodott. Ċerta klassi ta' standards tal-kummerċjalizzazzjoni, imsejħa termini riżervati fakultattivi, tikkonsisti f'tikketti (ta' valorizzazzjoni) volontarji.

Din ir-reviżjoni tkopri dawk l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni li, skont l-esperjenza tal-Kummissjoni matul l-applikazzjoni tagħhom kif ukoll minħabba l-evalwazzjoni u l-konsultazzjonijiet li jkunu saru, jidhru li jeħtieġu modernizzazzjoni, simplifikazzjoni jew rispons akbar għal kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà kif stabbilit fl-istrateġija tal-Kummissjoni "Mill-Għalqa sal-Platt" (F2F). Dawn l-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni huma diskussi fil-valutazzjoni tal-impatt.

Il-leġiżlatur tal-UE lilegizla l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni l-ewwel u qabel kolloxx biex jindirizza l-ħtiġijiet ekonomiċi tal-atturi fil-katina, inklużi l-konsumaturi tal-prodotti kkonċernati. Ċerti standards jenħtieġ li jiġu aġġustati, issimplifikati jew modernizzati biex ikomplu jkunu adegwati għall-iskop tagħhom. Il-kwistjonijiet tas-soċjetà, ngħidu aħna, is-sostenibbiltà ambjentali jew it-trattament xieraq tal-annimali s'issa kellhom rwol limitat. Il-valutazzjoni tal-impatt tesplora wkoll l-ambitu għal sostenibbiltà akbar skont il-mandat tal-istrateġija F2F. Tappoġġa u tiżgura koerenza ma' azzjonijiet orizzontali tal-F2F li wkoll huma marbutin mas-sostenibbiltà, bħall-qafas għal sistemi tal-ikel sostenibbli, it-tikkettar tas-sostenibbiltà u r-rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Il-valutazzjoni tal-impatt ma tissuġġerix approċċ ta' sostenibbiltà wieħed tajjeb għal kulħadd għall-prodotti differenti inkwistjoni u ma tippruvax tistabbilixxi linja bażi li tkun applikata fis-setturi kollha. L-argumenti rilevanti li jinfurmaw id-diskussjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-fini tal-valutazzjoni tal-impatt u, eventwalment, is-soluzzjonijiet li jkunu preferuti, jiddependu fuq valutazzjonijiet każ b'każ li huma bbażati fuq l-ispeċifitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-prodotti inkwistjoni.

L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni ma jiġġenerawx nefqa pubblika diretta ħlief għar-reġimi ta' kontroll. Biex ikun protett il-valur li l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom għall-partijiet ikkonċernati fil-katina, il-kontrolli ġeneralment jiġu deċentralizzati fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Ir-reviżjoni attwali mhix mistennija jkollha impatt sinifikanti fuq il-baġits nazzjonali.

L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni japplikaw kemm għall-prodotti domestiċi kif ukoll għal dawk importati, biex b'hekk tiġi żgurata kompetizzjoni leali għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tal-produtturi. Għalhekk, il-bidliet fl-istandards jistgħu jaffettwaw lill-produtturi u lill-importaturi ta' pajjiżi terzi. Skont ir-regoli tad-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-bidliet fl-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni jridu jiġu nnotifikati minn qabel skont il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ. Dawn jistgħu jaffettwaw l-akkordji eżistenti tal-produzzjoni jew tal-importazzjoni, minkejja li jiġu applikati bl-istess mod għall-produtturi domestiċi. Jenħtieġ li tali notifiki jispjegaw ir-raġunament tal-politika tal-bidla meta mqabbla mal-oġġettivi li jirfdu l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni agrikola. Min-naħa l-oħra, l-istandards pubbliċi jistgħu jxekklu, sa

ċertu punt, il-proliferazzjoni tal-istandards privati u l-impatt negattiv tagħhom — xi kultant — fuq il-produtturi fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.